MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 653/1989/1

**John A. Scicluna fil-kwalita` tieghu ta' Chairman tal-Korporazzjoni Telemalta ghan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess; u b'nota tat-2 ta' April, 1993, Saviour Farrugia assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Korporazzjoni**

**vs**

**Joseph Meli**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Fl-1 ta’ Ottubru, 1996, il-Prim Awla iddecidiet il-kawza fl-ismijiet “John A Scicluna fil-kwalita` tieghu ta’ Chairman tal-Korporazzjoni Telemalta ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-istess; u b’nota tat-2 ta’ April, 1993, Saviour Farrugia assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-istess Korporazzjoni vs Joseph Meli”, Citazzjoni Numru 653/89, billi laqghet it-talbiet tal-korporazzjoni attrici u ikkundannat lill-konvenut ihallas tliet elef tmien mija u erbgha u ghoxrin lira u seba’ centezmi. L-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez ta’ dik il-kawza jithallsu kwantu ghal wahda minn ghoxrin (1/20) il-korporazzjoni attrici u r-rimanenti parti jhallashom il-konvenut.

2. L-attur nomine kien ippremetta illi l-konvenut kellu jaghti tliet elef disa’ mija u hamsa u hamsin lira u ghoxrin centezmu (Lm3955.20) ghall-kera tal-linja tat-telephone bin-numru 335029 u ghall-calls lokali u ghal barra minn Malta, kif imfissra hawn taht:

Lm 120.00 kera bejn l-1 ta’ Jannar 1986 sal-31 ta’ Marzu 1989
Lm3795.10 telefonati lokali bejn l-1 ta’ Ottubru 1985 u t-30 ta’ Settembru 1988
Lm 40.10 telefonati ghal barra li saru bejn Frar u Novembru 1986
---------------
Lm3955.20
=========

3. Il-konvenut eccepixxa illi t-talba preskritta skond l-Artikolu 2253 tal-Kodici Civili; illi fiz-zmien relattiv ghall-kont il-fond fejn hemm il-linja tat-telephone kien mikri lil terzi u l-attur nomine kien mgharraf b’dan; illi kienet saret talba lill-attur nomine sabiex mil-linja de quo ma jkunux jistghu jsiru telefonati ghal barra; illi ghaz-zmien kollu milqut bil-kontijiet l-attur nomine qatt ma qal lill-konvenut kemm kien tela’ l-kont u lanqas ma ha passi kontra min kien qieghed fil-fond fejn kienet il-linja sabiex ihares l-interessi tieghu;

4. Il-konvenut appella minn din is-sentenza fuq l-aggravji segwenti:
(i) l-Ewwel Qorti ma semghetx ix-xhieda kollha li kellu jgib il-konvenut appellant; illi dan jammonta ghal nuqqas ta' smiegh xieraq fir-rigward ta' l-appellant;

(ii) li l-Ewwel Qorti konsegwentement ghamlet apprezzament hazin tal-fatti;

5. Skond l-appellant huwa fatt mhux kontestat illi l-linja tat-telefon bin-numru 335029 kienet tappartjeni ghall-fond proprjeta` ta' l-appellant izda mikri lill-terzi. Fil-perjodu in kwistjoni, il-fond kien mikri lil Taljan bl-isem ta' Gaetano Gallo li fil-fatt tkecca minn Malta mill-Pulizija. Sadanittant izda l-fond kien ukoll qed jintuza minn certu Stephen Micallef, Malti li kien socju f'kumpanija bl-isem ta' Euro-Link Limited u li kien jiggestixxi n-negozju tieghu minn dan il-fond; illi Alfredo Trasimeni u Virginia Trani, terzi li kienu dahlu fil-fond wara li telaq Gallo ghaliex dan ta' l-ewwel qal li kien iben Gallo, kienu ghamlu dikjarazzjonijiet fis-sens li dan Micallef kien jaghmel telefonati minn dan il-fond; illi dawn il-fatti qatt ma gew a konjizzjoni ta' l-Ewwel Qorti u ghalhekk l-appellant spicca b'gudikat kontra tieghu, ibbazat fuq nofs fatti, u mhux fuq il-kwadru shih tal-verita`; illi di piu`, l-appellant kellu jidhol l-isptar ghall-operazzjoni u ghamel mat-tliet xhur rikoverat; illi kien proprju f'dan il-perjodu li l-Qorti kkonkludiet is-smiegh tal-provi u minghajr ma semghet il-provi kollha tal-konvenut, ghaddiet biex taghti sentenza; illi dan il-fatt jippregudika l-pozizzjoni ta' l-appellant stante li huwa ma kienx fi stat li jittermina l-provi tieghu wisq anqas li jgib l-aqwa prova skond il-ligi.

Skond l-appellant, l-Ewwel Qorti erronjament cahdet it-talba ghall-kjamata fil-kawza ta' Stephen Micallef ghaliex qalet li ma hemmx relazzjoni guridika bejn il-konvenut appellant u Micallef u bejn dan Micallef u l-Korporazzjoni appellata. Ghalkemm relazzjoni kontrattwali ma hemmx, hemm zgur relazzjoni delittwali jew quasi-delittwali li a bazi taghha ghandu jigi radikat l-interess tal-konvenut appellant li jsejjah lil Micallef fil-kawza. L-iskrittura tal-kera

bejn l-appellant u l-kerrej originali Gallo tghid illi "…telephone billis…shall be borne by the…lessee." Hawnhekk qed jigi sottomess illi l-kondizzjonijiet tal-kuntratt originali jirregola r-relazzjoni ta' bejn Micallef u l-appellant li giet sussegwentement.

Skond il-konvenut il-Korporazzjoni kienet taf bejn tajjeb li fit-2 ta' Settembru, 1988, ittra registrata indirizzata lilu fl-indirizz tal-fond mikri "Pat House", Church Street, Paceville, giet ritornata lill-posta tal-Belt ghaliex kienet *unclaimed*. Minn informazzjoni li ghandu l-konvenut appellant, l-ittra kienet tghid illi jekk huwa ma kienx se jhallas somma ta' tliet elef erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm3483.28), is-servizz tat-telefon kien se jigi sospiz. Jidher li qatt ma ttiehdu passi biex dan isehh, u minhabba din in-negligenza tal-Korporazzjoni appellata, ma ghandux ibati l-appellant. Dan barra l-fatti li wara l-ittra tal-konvenut appellant tat-30 ta' Marzu, 1987, il-Korporazzjoni appellata ma haditx il-passi rikjesti biex taqta' d-*direct overseas calls*.

Ghaldaqstant il-konvenut appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet "John A. Scicluna fil-kwalita` tieghu ta' Chairman tal-Korporazzjoni Telemalta ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess; u b'nota tat-2 April, 1993, Saviour Farrugia assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Korporazzjoni vs Joseph Meli", Citazzjoni Numru 653/89, deciza fl-1 ta' Ottubru, 1996, billi tichad it-talbiet u tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' L-ATTUR NOE</u>**

6. L-appellant nomine wiegeb hekk:

(i) Illi s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili timmerita li tigi konfermata u ghalhekk din l-Qorti ghandha tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(ii) Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti semghet ix-xhieda kollha rilevanti ghall-kaz in kwistjoni. F'din il-kawza r-relazzjoni

guridika hija carament bejn il-Korporazzjoni appellata u l-appellant peress illi r-relazzjoni kontrattwali u legali kienet u baqghet dejjem bejn dawn iz-zewg partijiet. Ghalhekk dawn kienu l-partijiet u xhieda rilevanti ghall-kaz u mhux persuni li ma kellhom xejn x'jaqsumu mar-relazzjoni kuntrattwali, fuq liema relazzjoni kuntrattwali hija bbazata din il-kawza kollha.

(iii) Anki meta l-appellant, proprjetarju tal-fond fejn kienet installata l-linja tat-telephone, kien kera dan il-fond lill-terzi, fosthom lil Stephen Micallef, ir-relazzjoni kuntrattwali u legali dejjem baqghet bejn il-korporazzjoni appellata u l-appellant peress illi l-appellant dejjem baqa' s-subscriber tal-linja tat-telephone 335029 u qatt ma talab li ssir "transfer". Di piu`, lanqas bejn Stephen Micallef u l-appellant ma hemm relazzjoni guridika peress illi Stephen Micallef dahal fil-fond ta' l-appellant minghajr il-kunsens tieghu. Ghalhekk, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta meta cahdet il-kjamat in kawza ta' Stephen Micallef.

(iv) Illi kien obbligu ta' l-appellant li jhares id-drittijiet tieghu kontra t-terzi persuni lil min kien qieghed jikri. Dan zgur li ma kienx kompitu tal-Korporazzjoni appellata.

(v) Illi rigward id-direct Overseas calls, veru illi l-Korporazzjoni appellata ma haditx passi wara l-ittra ta' l-appellant tat-30 ta' Marzu, 1987, izda anki hawnhekk, l-appellant kien thallas minghand Trasimeni ghat-telefonati relativi bejn Lulju ta' l-1987 u Gunju 1988 meta kien telaq mill-fond. Ghalhekk, l-appellant kellu obbligu li dawk il-flus jghaddihom u jhallas lit-Telemalta u mhux jaghmel qliegh u gwadann a skapitu tal-Korporazzjoni Telemalta.

Illi ghaldaqstant hija l-fehma umli ta' l-esponenti illi din l-Qorti ghandha tichad l-appell ta' l-atturi u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili ta' l-1 ta' Ottubru, 1996, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. Il-vertenza hija dwar debitu allegatament dovut mill-konvenut appellant riferibbilment ghal-linja tat-telefon numru 335029 installata fil-fond, bla numru maghruf bl-isem ta' "Pat House", f'Church Street, Paceville. Wara li semghet il-provi u cahdet zewg eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjonijiet fil-meritu (hlief wahda relativa ghal kont dwar "direct overseas calls") u laqghet il-bqija tat-talbiet attrici kwazi fit-totalita` taghhom. Fil-fatt, l-attur nomine talab l-ammont ta' Lm3,955.20c bhala sorte u l-Qorti ta' l-ewwel grad akkordatlu Lm3,824.07, igifieri rriduciet dik il-parti tal-kont dwar telefonati ghal barra li saru bejn Frar u Novembru, 1986, fl-ammont ta' Lm40.10c.

8. L-appellant konvenut ma jichadx il-fatt li l-linja tat-telefon de quo kienet giet irregistrata fuq ismu u dana fuq struzzjonijiet tieghu. Jaccetta wkoll il-fatt li l-post fejn din il-linja giet installata kien proprjeta` tieghu. L-appellant ma regax qanqal l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fl-istadju ta' l-appell.

9. L-aggravji tal-konvenut huma tnejn:-
(i) li l-ewwel Qorti naqset meta ma semghetx ix-xhieda kollha li kellu jgib hu;

(ii) li l-ewwel Qorti konsegwentement, ghamlet apprezzament hazin tal-fatti;

Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti tibda billi tosserva li ghalkemm il-konvenut appellant jinkwadrah fl-ambitu ta' "nuqqas ta' smiegh xieraq", hawn qeghdin fil-kamp civili u mhux dak kostituzzjonali. Dan maghdud, ma jfissirx li dan l-aggravju, jekk tabilhaqq huwa fondat, ma jistax iwassal ghal ezitu li jista' jiggjova b'xi mod it-talba ta' l-appellant ghar-revoka tas-sentenza appellata.

10. Minn ezami ta' l-atti tal-process jirrizulta li minkejja li l-konvenut indika madwar ghaxar (10) xhieda fl-elenku tax-xhieda (ara fol. 10 tal-process) in effett spicca biex ghan-naha tieghu xehed hu biss. Jirrizulta inoltre` li l-maggor parti tax-xhieda u provi relativi ghall-kawza ngabru mill-

assistent gudizzjarju fuq perijodu li beda fit-13 ta’ Frar, 1990, (ara verbal a fol. 15 tal-process) u dam ghaddej sat-18 ta’ Ottubru, 1991 (fol. 46) – igifieri perijodu ta’ madwar sena u nofs. Wara dan, is-smiegh tax-xhieda lanqas inghalaq il-ghaliex jidher li fit-2 ta’ April 1993 (fol. 61 – 62) rega’ ddepona l-attur nomine, Saviour Farrugia, li kien l-uniku xhud ukoll min-naha tal-kontroparti attrici. Xehed mill-gdid il-konvenut in extenso fit-3 ta’ Lulju, 1995 (fol. 106 u 109) u warajh irreplika l-attur nomine fl-istess seduta. Dan mela jfisser li l-gbir tal-provi ha aktar minn hames (5) snin biex isir. Zgur ma jistax jinghad li l-konvenut appellant ma kellux jew ma nghatax l-opportunita` li jressaq ix-xhieda tieghu kollha – li kieku ried tabilhaqq jaghmel dan! Dan qieghed jinghad ghaliex in-numru ta’ seduti li thassru tort tan-nuqqas jew assenzi min-naha ta’ l-appellant quddiem l-Assistent Guddizjarju kien wiehed sostanzjali. Dawn is-seduti li gew mhassrin bi htija jew fuq talba tal-konvenut kienu jikkomprendu inter alia s-segwenti :-

- seduta tal-15 ta’ Marzu, 1990 (fol. 18);
- seduta tal-14 ta’ Mejju, 1990 (fol. 19);
- seduta tat-28 ta’ Gunju, 1990 (fol. 21);
- seduta tat-3 ta’ Settembru, 1990 (fol. 36);
- seduta tas-26 ta’ Ottubru, 1990 (fol. 37);
- seduta tal-11 ta’ Jannar, 1991 (fol. 35);
- seduta tas-16 ta’ April, 1991 (fol. 38);
- seduta tat-18 ta’ Ottubru, 1991 (fol. 46).

Minbarra s-suespost kien hemm imbaghad zewg seduti ohrajn li kellhom jithassru billi ghalihom ma deher hadd. Kien hemm ukoll seduta ohra, dik tad-29 ta’ Mejju, 1991 (fol. 49), li fiha l-attur iddikjara li ma kellux aktar xhieda xi jressaq. Dakinhar ukoll il-konvenut appellant ma deherx. Jigi osservat finalment il-verbal tat-12 ta’ Marzu, 1996 (fol. 113) fejn id-difensur tal-konvenut informa lill-Qorti li hu kien gharraf lill-klijent tieghu bis-seduta ta’ dik il-gurnata (il-konvenut ma deherx) u inoltre iddikjara li l-kawza tista’ tibqa’ ghas-sentenza. Dan hu ghalhekk kaz ta’ res ipsa loquitur u din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tahli aktar hin prezzjuz fuq dan l-aggravju li bl-ebda mod ma jirrizulta gustifikat, anzi huwa wiehed fieragh.

11. It-tieni aggravju huwa dwar l-apprezzament tal-provi kif maghmul mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tosserva mhux biss li hija prassi ben stabbilita dik li hija ma tiddisturba qatt leggerment l-evalwazzjoni li tkun saret mill-Ewwel Qorti jekk mhux ghal raguni serja, imma li minn ezami tas-sentenza appellata wiehed isib li l-Ewwel Qorti gharblet u qieset il-kaz b'mod mill-aktar dettaljat u approfondit. Anki meta giet biex tiddecieda dwar il-kap ta' l-ispejjez, dik il-Qorti hasset li kellha tikkoncedi lill-konvenut helsien ta' wiehed minn ghoxrin sehem (1/20) mill-ispejjez gudizzjarji permess li kienet sabet li parti ckejkna tas-sorte ma kenitx dovuta lill-attur nomine kif mitlub fl-att tac-citazzjoni.

12. Fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju, il-konvenut appellant jargumenta li kien hemm fatti li "qatt ma gew a konjizzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk l-appellant spicca b'gudikat kontra tieghu, u mhux fuq il-kwadru shih tal-verita`". Din il-Qorti gia` esprimiet ruhha fis-sens li jekk kien hemm nuqqas ta' smiegh ta' provi da parti tal-konvenut, tali nuqqas kien jahti ghalih <u>unikament</u> l-istess appellant konvenut u hadd hliefu. Mhux lecitu ghalhekk li minhabba dan in-nuqqas tieghu, jippretendi issa l-konvenut li b'daqstant akkwista xi dritt jew li ghandu jinghata l-possibilitajiet li juza l-istess nuqqas bhala argument kontra l-appellat nomine. Dan maghdud, isegwi anzi li bl-argumenti tieghu l-konvenut appellant qieghed jirrikonoxxi li l-provi tieghu kienu insufficcjenti u monki. Kif jippretendi allura l-appellant li l-Qorti ta' l-ewwel grad kien messha ggudikat favur it-tezi tieghu? Apparti wkoll il-konsiderazzjoni l-ohra li, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, il-konvenut ma setax jippretendi lanqas li ghat-tahwid u nuqqas ta' kontroll fuq hwejgu u ghal dak kollu li kkontratta hu direttament mat-terz, ghandha taghmel tajjeb ghalih il-Korporazzjoni li pprovdietu bis-servizz telefoniku. Billi l-appellant izid fl-aggravju li huwa ghamel perijodu ta' jiem rikoverat id-dar wara li gie operat l-isptar, b'daqshekk ma jghin xejn lit-tezi tieghu li ma kienx hu responsabbli ghall-kontijiet tat-telefon in kwistjoni.

13. L-appellant fl-ahharnett jillanja mill-gdid mill-fatt li l-Ewwel Qorti kienet cahditlu talba jiex jissejjah fil-kawza

certu Stephen Micallef. Din il-Qorti qieset dan l-aggravju u jidhrilha li lanqas hawn l-appellant ma huwa gustifikat f'dak li qieghed isostni. It-talba tieghu biex jissejjah dan Micallef saret ferm wara li nbdiet il-kawza. Il-kawza giet istitwita kontrih f'Gunju 1989. It-talba tieghu ghas-sejha fil-kawza ta' Stephen Micallef saret ghall-ewwel darba f'Gunju 1993 – erba' snin wara. Il-konvenut esebixxa kopja ta' skrittura – Dok JM, a fol. 73 tal-process – biex juri li l-fond kien okkupat ghal xi zmien minn Stephen Micallef u li dan "also made use of the telephone for overseas calls". L-iskrittura ggib fuqha d-data tal-25 ta' Jannar, 1989. Kif jippretendi l-appellant li jitlob is-sejha ta' xi hadd fil-kawza erba' snin u nofs wara li suppost kien jaf bil-fatt li kien hemm din il-persuna toqghod fil-fond tieghu u taghmel uzu mit-telefon li kien hemmhekk installat? Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kienet ghal kollox gustifikata li tichad din it-talba maghmula mill-konvenut fi stadju inoltrat tal-kawza.

14. Mill-provi jirrizulta b'mod evidenti li l-persuna responsabbli direttament lejn l-attur nomine kien il-konvenut. In kwantu l-konvenut appellant jghid li hu kkontratta ma' haddiehor, kull ftehim bhal dan kien jammonta ghal "res inter alios acta" fil-konfront ta' l-attur nomine. Il-konvenut, ghalkemm jidher li ghamel xi tentattiv biex jinforma b'dan il-ftehim lill-Korporazzjoni, qatt ma ha l-impenn biex igieghel lit-terz li mieghu kkontratta f'relazzjoni diretta mal-Korporazzjoni minfloku. Dan kollu gara wkoll minhabba l-fatt li l-istess konvenut kellu kontroll mill-aktar fjakk fuq min kien effettivament qed jaghmel uzu mill-fond f'Paceville li fih kien hemm l-apparat telefoniku li tieghu qieghed jintalab hlas. Is-silta segwenti mehuda mid-deposizzjoni ta' l-appellant (fol. 107 tal-process) hija elokwenti bizzejjed dwar dan l-istat ta' fatt:-

"Wara xi zmien dan Gallo ma deherx izjed, u c-cavetta tal-fond giet f'idejja permezz ta' certu Philip Grech li tani c-cwievet fil-25 ta' Gunju, 1988. Dan qalli li c-cwievet kien baghathomli certu Trasmeni. Jiena lil dan Trasmeni kont originalment (sic) minghalija li jigi t-tifel ta' Gallo. Sussegwentement irrizultali, kif qalli dan Grech, illi kellu kunjom differenti.

Wara li jiena kelli c-cwievet tal-post f'idejja, mort fil-post u sibt hemmhekk korrispondenza indirizzata lil "Eurolink Limited" bl-indirizz ta' "Pat House", Church Street, Paceville. Dak iz-zmien is-socjeta` Eurolink Limited jiena ma kontx naf min kienet jew ta' min kienet. Min ricerka li ghamilt, imbaghad irrizultali li wiehed mid-diretturi u azzjonisti kien certu Stephen Micallef li joqghod 93, New Street, Sliema. Dan Stephen Micallef avvicinajtu, ikkonfermali li kien ghamel xi 'calls' bit-telefon minn dan il-fond, u qalli li kien dahal hemm ghax ippermettielu wiehed Taljan …..".

Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma jidhrilhiex li l-attur nomine ghandu jaghmel tajjeb hu ghal dan it-"tahwid" fil-mod kif l-appellant ghazel illi jamministra hwejgu. Mill-bqija ma jidhirx li dwar il-quantum likwidat mill-Ewwel Qorti hemm xi lanjanza. Ghalhekk l-aggravji tal-konvenut appellant jirrizultaw infondati u qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenut; l-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------